



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13044/18

AGRI 467
AGRIFIN 107
FIN 781

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 11/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ottubru 2018)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2018: "Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati"

adottati mill-Kunsill fit-3644 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-
KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:

"Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 11/2018 tal-Qorti dwar "Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati";
2. JIRRIKONNOXXI li l-użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati (SCOs) jista' jnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji u jwassal għall-istess riżultati bħas-sistemi ta' rimborż konvenzjonali iżda b'mod aktar sempliċi u rapidu;
3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, li huma lkoll indirizzati lill-Kummissjoni, u JINNOTA wkoll li l-Kummissjoni taċċetta kważi dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha fl-intier tagħhom u segwiet jew ser issegwi b'mod xieraq dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kif stabbilit fit-tweġibiet tal-Kummissjoni inklużi fir-rapport speċjali;
4. IFAKKAR li l-bidliet reċenti għal-leġislazzjoni¹ jistgħu jiffaċilitaw użu usa' ta' SCOs;
5. JENFASIZZA l-ħtieġa għal regoli ċari li jippermettu lill-Istati Membri biex jivverifikaw u jevalwaw SCOs kif ukoll jiċċaraw u jiddefinixxu b'mod adatt ir-rwoli tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiegħu kont ta' dan fil-Gwida tagħha dwar l-SCOs kif ukoll fil-Linji Gwida tagħha għall-Korpi ta' Ċertifikazzjoni fil-perijodu ta' programmazzjoni attwali.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 (ir-Regolament Omnibus), b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, kif emendat.